# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Numru 19 — Marzu April 1997

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA



## DELITT f'Marsaxlokk!



paġ 3

## Nowtbuk tan-Natura

## Grupp Lokali Ġdid



paġ 6



Victor Falzon

*Farfett tal-Fejġel*

editorjal



# Ħbieb!



Mela dan l-aħħar kont fil-ġnien ta' l-iskola, u ġie tifel saqajh kollhom grif u linji ħomor.

"Xi ġralek?" staqsejtu, "Attakkatek tigra, jew?"

"Taħraqnix, ser! Mhux biżżejjed qed jaħraqni dal-grif!" qalli waqt li beda jħokk saqajh, "Kollu dad-dinja xewk! Nixtieq naf x'nagħmbuh..." U telaq igorr waħdu.

Ħeqq, miskin kellu raġun igorr, għax saqajh fakkruni fil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira!! U toqgħod taħseb ftit... dax-xewk min jiggustah? Weraq kollu ponot! Fjuri ma jfuħux! Għall-ikel mhux tajjeb! Hekk jaħsbu ħafna nies. Għandhom raġun, jew le?

L-ewwelnett tridu tifhmu li l-pjanti ma jħobbux min jiklilhom il-weraq, u jagħmlu minn kollox biex ma jħallux annimali jikluhom. Hemm minnhom (bħall-Klin) jarmu riħa qawwija, oħrajn (bħat-tengħud) fihom likwidu velenuż, u oħrajn (bħax-xewk) li jkabbru ponot iniggżu. Jiġifieri tagħtux tort lix-xewk għax jipprova jiddefendi ruħu! Kieku intom l-istess tagħmlu!

Issa min iħobb ix-xewk? Minħabba li x-xewk għandu difiża tant tajba, ftit fil-fatt hemm annimali li jikluh. Imma x-xewk jagħmel il-fjuri, u l-fjuri jiġbdu lejhom l-insetti. Ħafna xewk jagħmel fjuri kbar u vjola bħax-Xewk tal-Madonna u Xewk ix-Xitan. Oħrajn jagħmlu fjuri żgħar li ma tantx fihom x'tara, bħax-Xewk Abjad. Imma tiskanta, kollha kemm huma taralhom il-ħanfus u l-friefet iduru magħhom. Mela għall-insetti, ix-xewk huwa friġġ mimlija ikel! Bħal fjuri oħrajn, wara kollox.

U meta f'Mejju tara xi wesgħa (bħal fuq Kemmuna) kollha Qaqoċċ tax-Xewk, b'dawk il-fjuri vjola jgħajjat kważi jweġġa' l-għajnejn, tgħiduli xejn ma ssibx kulur jimpressjonak iktar minn dak. Xi ħadd qal li x-xewk ma fihx x'tara?!

Imsomma issa ħa jkolli nħallikom għax għandi żżarbun qed iweġġagħni...

Naħseb daħlitli xi xewka..!



Victor

Victor Falzon
Editur

## X'għandna did-darba?




| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet | paġ 3 |
| X'għandna mid-Dinja? | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 19 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...ir-ROŻINJOL | paġ 5 |
| Grupp Lokali Ġdid | paġ 6 |
| Ittri | paġ 6 |
| Art Gallery | paġ 7 |
| Attività: Kemmuna! | paġ 8 |
| Rapport Roost | paġ 9 |
| Nowtbuk tan-Natura | paġ 9 |
| Baħħara tal-Galàpagos | paġ 10 |
| Avviżi | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera | paġ 12 |
| Bolli għall-Ballut | paġ 12 |


## Ritratt tal-faċċata

### Farfett tal-Fejġel

(*Papilio machaon* - Swallowtail)

Farfett tal-Fejġel, Farfett tal-Busbież, Farfett tal-Lira, Farfett tar-Reġina, għandu ismijiet daqs kemm għandu kuluri! Jismu x'jismu, jibqa' xorta l-ikbar u wieħed mill-isbaħ friefet li naraw Malta.

**Working Group Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon, Angèle Pulis, Chris Pulis.



Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 4 **Gruppi Lokali** fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

**Publikazzjoni ta' BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, April 1997

# DELITT



Nhar is-26 ta' Marzu, wieħed raġel li kien għaddej minn Marsaxlokk ra xi sajjieda jtellgħu l-art mammiferu tal-baħar daqsxiex. Dan kien **Denfil ta' Risso** (Risso's Dolphin *Grampus griseus*), annimal rari sew fil-Mediterran. Ir-raġel induna li dan kien annimal li mhux suppost taqbdu, u għalhekk irrapporta dak li ra lill-pulizija.

Il-pulizija niżlu u sabu l-imsejken annimal waħdu u nofsu mejjet fuq ix-xatt, għax is-sajjieda ħarbu x'ħin indunaw li ġejjin il-pulizija.

Issejħu membri tal-Marine Life Care Group, għaqda ta' nies li jiddefendu l-ħajja tal-baħar. Dawn ħadu ħsiebha f'vaska fit-torri ta' San Luċjan, u ppruvaw minn kollox biex din id-denfil, li kienet mara, tkun komda. Damu magħha 24 siegħa sħaħ fl-ilma. Imma l-annimal kien batut, għax is-sajjieda kienu għamlulu ħafna ġrieħi bis-senter u bil-ganċ.



**Id-Denfil ...MIET!**

L-Editur jixtieq jirringrazzja lil Max Farrugia għat-tagħrif dwar id-Denfil





Tgħiduli "Kif ġibt aħbar dwar kometa fil-Ħuttafa?" Ħeqq, għax le? Mela l-ġmiel ta' l-univers mhux parti min-natura wkoll? Anzi xi studjużi jaħsbu li l-ilma ta' l-ibħra tad-dinja tagħna ġie minn kometa li fl-antik ħafna ħabtet mad-dinja!

## Fis-seba' sema!

Rajtuha l-kometa, jew? Tard f'Marzu u kmieni f'April dehret kometa sabiħa, jgħidu li kienet waħda mill-isbaħ li qatt dehru. Imma xi tkun kometa?

Kometa hija bħal dinja żgħira ħafna magħmula minn ħafna likwidi u gassijiet iffriżati. Bħad-dinja tagħna, din iddur max-xemx, u meta tersaq lejn ix-xemx, xi gassijiet fuqha jinħallu u d-dawl u s-sħana tax-xemx jixegħlhom. Għalhekk il-kometa jkollha bħal denb imċajpar ħiereġ minnha. U kultant ikun veru fiha x'tara.

Kometi hawn ħafna, u kull tant snin xi dilettanti tal-kwiekeb jaraw xi waħda ġdida. Din ta' l-aħħar sabuha tnejn kunjomhom Hale u Bopp, u għalhekk il-kometa ssemmiet għalihom, jiġifieri Hale-Bopp. Tajjeb hux, ikollok kometa msemmija għalik!



Jekk ma rajtuhiex, tibżgħux. Għad terġa' tidher. Xi 2500 sena oħra!

## Paperissimo!



Berdwoċers li jħobbu jimmiraw it-trombi lejn x'jgħaddi minn fuq il-baħar kellhom xalata f'Marzu li għadda! F'temp ta' ħamest ijiem bejn l-20 u l-25 ta' Marzu raw minn 4000 sa 5000 borka (papri selvaġġi). Filli jtiru, filli jistrieħu f'wiċċ l-ilma 'l barra mix-xtut bejn Malta u Għawdex. Fost oħrajn raw **Sarsell Aħmar** (garganey), **Silfjuni** (pintail), **Ferruġini** (ferruginous) u **Silfjuni Ewropej** (wigeon). Imbagħad bdew ipassu, u bdew jinqalgħu mill-ilma u jtiru f'linji u V-formations. Skond Mark Falzon u Charles Coleiro, żewġ berdwoċers, kien spettaklu tal-ġenn!



## X'għandna mid-DINJA

# Xaqq dawl fil-FORESTI

WWF News - Spring 1997

Għaxart elef sena ilu, iktar minn nofs l-art tad-dinja kienet miksija foresti. Tul iż-żminijiet in-nies qaċċtu dawn il-foresti għall-bżonnijiet tagħhom, u llum fadal biss 30% ta' li kien hemm. L-iktar foresti fil-periklu huma dawk tropikali. Dawn huma importanti ħafna għax-xita. Fil-fatt minħabba li naqsu dawn il-foresti, ix-xita wkoll naqset u żdiedu d-deżerti madwar id-dinja.

Fil-United Kingdom hemm 70 kumpanija li ma jridux jaraw il-foresti jkomplu jonqsu. Għalhekk dawn il-kumpaniji, li kollha jdaħħlu jew ibigħu l-injam, issa qed jixtru biss injam li fih timbru speċjali. Dat-timbru jfisser li l-injam ikun inqata' minn foresti artifiċjali li tkabbru apposta għall-qtugħ, u mhux minn foresti tropikali. B'hekk il-foresti naturali li baqa' ma jintmessux.

Din l-idea tat-timbru bdiet fl-1995 mill-World Wide Fund for Nature (WWF), u ftit ftit aktar u aktar kumpaniji u ħwienet qegħdin jagħżlu injam sostenibbli.

FSC



Victor Falzon

# Kompetizzjoni 19



**by Norman Chetcuti (KingPuzzler)**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | E | L | L | E | R | I | T | A | T | N |
| T | N | U | P | P | A | K | O | K | K | A |
| E | R | R | L | E | I | W | R | I | G | N |
| L | L | E | U | X | I | F | A | Z | A | K |
| U | B | S | V | S | K | H | Z | K | D | I |
| J | R | A | I | U | S | O | G | U | J | N |
| N | A | R | E | L | L | E | V | D | E | A |
| A | J | P | R | L | F | U | T | A | W | S |
| P | M | A | A | A | J | J | K | T | S | T |
| S | L | G | M | A | R | G | U | N | E | U |
| S | A | N | I | W | R | I | B | N | I | N |

Sibu l-ismijiet ta' l-għasafar moħbijin f'din il-ġeġwiġija kliem. L-ismijiet jistgħu jkunu mimdudin, weqfin jew imxattrin, bil-quddiem jew b'lura. Wara li ssibuhom immarkawhom, ħudu fotokopja tal-puzzle u ibagħtuhielna, flimkien ma' isimkom u l-indirizz lil

**Kompetizzjoni 19**
**Klabb Ħuttaf - BirdLife**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**

Ir-rebbieħ jittella' bil-polza fost it-tajbin. Ftakru, però, li min iqasqas il-Ħuttafa niskwalifikawh.

| | | | |
|---|---|---|---|
| ARPA | GIRWIEL | MARGUN | SPANJULETT |
| ASTUN | KAPPUN | NANKINA | SWEJDA |
| BIRWINA | KOKKA | PLUVIERA | TELLERITA |
| BRAJMLA | KUDA | RUSSETT | VELLERAN |
| GALLOZZ | KULUVERT | SILFJUN | XIFA |

It-tweġibiet ta' Kompetizzjoni 18 kienu Ċuvett, Żumbrell, Pitarra u Ċirlewwa. Ir-rebbieħ huwa **Clifton Bonello** minn San Ġiljan. Dan rebaħ **skultura ta' għasfur**, li jista' jiġborha min-Nature Shop tagħna (mappa p.10). Importanti li jieħu miegħu l-membership card. **Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 19 jirbaħ CD ġentilment mogħti minn The Scorpion.**

THE SCORPION

**Martial Arts, Keep-fit and Sports**



**The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA 19**
**Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284**



# ir-Rożinjol



**Bħalissa ninsabu fl-eqqel tal-passa. Miljuni kbar ta' għasafar jieħdu riskju - jitilqu mill-Afrika u jittajru lejn l-Ewropa, fejn jibnu l-bejta u jrabbu l-frieħ. Uħud minnhom jgħaddu mill-inħawi tal-gżejjer Maltin u spiss jinżlu jieklu u jistrieħu qabel ikomplu l-vjaġġ. Fost dawn insibu r-Rożinjol.**

Malti: **Rożinjol**
Ingliż: **Nightingale**
Xjentifiku: ***Luscinia megarhynchos***

- Ir-Rożinjol huwa magħruf ħafna li jgħanni bil-lejl. Fil-fatt veru, l-aħjar ħinijiet biex wieħed jisma' Rożinjol jgħanni huma filgħodi kmieni u filgħaxija tard, anke fid-dlam.

- F'Malta r-Rożinjol huwa komuni fir-rebbiegħa, minn Marzu sa Mejju, u fil-ħarifa, minn Awwissu sa Ottubru. Minn studji li saru minn BirdLife permezz tar-ringing, instab li r-Rożinjoli li naraw fostna ibejtu lejn il-Lvant ta' l-Ewropa f'postijiet bħas-Slovakkja. Immaġinaw ftit xi triq irid jieħu naqra ta' għasfur biex jasal mill-Afrika sas-Slovakkja.

- L-ambjenti li jħobb ir-Rożinjol huma l-imsaġar, il-widien, u postijiet b'veġetazzjoni folta. Il-Buskett, ngħidu aħna, huwa ambjent perfett għal min jixtieq jara Rożinjol.

- Meta tfittex Rożinjol, x'aktarx li l-ewwel ma tisma' hija t-tisfira rqiqa jew l-għanja tiegħu, peress li r-Rożinjol iħobb jinħeba. Meta kultant jidher, naraw li huwa ftit ikbar minn Tal-Bejt, imma aktar mislut, u ta' lewn kannella ħamrani. Ġeneralment tilmħu jittajjar fil-baxx bejn is-siġar.



- Fil-kotba ta' ornitoloġisti (nies li jistudjaw l-għasafar) ta' madwar mitt sena ilu, insibu li r-Rożinjol ġieli bejjet Malta. Fil-fatt sentejn ilu Ray Galea, berdwoċer ta' esperjenza, sab bejta tar-Rożinjol fil-wied tal-Buskett, magħruf bħala Wied il-Luq. Il-bejta kien fiha żewġt ifrieħ (ara Il-Ħuttafa 9)



- Fl-antik il-Maltin kienu jaqbdu eluf kbar ta' Rożinjoli b'xibka msejħa ranja. Ħafna minn dawn l-għasafar kienu jispiċċaw jinbiegħu fis-suq għall-ikel. Imma dan kien żmien ta' ġuħ, fejn biex tiekol biċċa laħam kont trid tagħmel wegħda. Illum biex tiekol il-laħam m'hemmx għalfejn tmur tonsob għall-għasafar - ħafna aktar faċli tmur is-supermarkit!

- Meta tistaqsi kaċċatur għaliex joqtol l-għasafar, jgħidlek: "Għan-namra, għall-gost, għax sport..." u elf skuża banali oħra. Kemm hu aktar gost issib xi wied għall-paċi u toqgħod tisma' l-għana tar-Rożinjol.

Mark Falzon

# Grupp Lokali Ġdid għall-Ħuttaf ta' Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi.



Charles Coleiro

**Membri tal-Grupp Lokali Ħaż-Żebbuġ/ Siġġiewi waqt l-ewwel attività tagħhom: ħarġa għal Wied Qirda.**

# Ittri

## Għandi Wiżgħa

**Għażiż Editur,**

**Prosit ħafna tal-magażin "Il-Ħuttafa". Interessajt ruħi ħafna fit-tpinġija tat-tfal, u għalhekk iddeċidejt li npinġi xi ħaġa jiena wkoll.**

**Inħobb ħafna l-annimali u l-insetti, speċjalment il-Kamaleonte u d-Debba tax-Xitan. Bħalissa qiegħed inrabbi wiżgħa żgħira, biex inkun nista' nitgħallem ħafna affarijiet fuqha.**

**Nixtieq li t-tpinġija tiegħi xi darba naraha fuq il-magażin Il-Ħuttafa.**

**Ċaw ċaw!**

**Dexter Agius**
**Tas-Sliema**



Għażiż Dexter,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek u tal-kummenti sbieħ dwar il-magażin tagħna. Dwar it-tpinġija tiegħek, naċċertak li xi darba ssib postha wkoll fil-paġna famuża ta' l-Art Gallery.

Għidtli li qiegħed trabbi wiżgħa biex titgħallem dwarha. Tajjeb li titgħallem dwar l-annimali, imma mhux sew trabbi wiżgħa. Għaliex?

1. Mhux fair għall-wiżgħa. Din mhix annimal domestiku bħal kelb, imma annimal selvaġġ. Għalhekk ħalliha tgħix fil-libertà, biex tiltaqa' ma' wiżgħat oħrajn, biex tfittex sieħeb, biex tikkaċċja li trid u tmur fejn trid u x'ħin trid.

2. Jekk trid titgħallem dwar l-annimali, oqgħod osservahom kif jgħixu fin-natura, mhux imdejqin f'xi kaxxa.

3. U bilħaqq, kontra l-liġi li żżomm wiżgħa.

L-Editur

## IKTBU LIL

Editur Il-Ħuttafa
Klabb Ħuttaf
Birdlife Malta
POBox 498
Valletta CMR 01

## wildlink

Għal tagħrif dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg - Wildlink • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR 01.**
Biex Robert iwiġibkom direttament, ma' l-ittra tagħkom inkludu envelope bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 6ċ

# ART GALLERY

**Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur. Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta**

Peter Azzopardi (?)



**Bulebbiet**

Alexis Milne (10)



**Pellikan**

Caroline Caruana (12)



**Granċ tal-Baħar**

Alex Vassallo (10)



**Albatross**

Daniel Cauchi (10)



**Russett**

David Attard (9)



**Għasfur ta' San Martin**

# Sejrin sa Kemmuna... Ġejjin???





**Dati:** Ħarġa A - 27 April
Ħarġa B - 1 Mejju
**Prezz:** Żgħar - Lm1, Kbar - Lm1.50



**Kull sena aħna** ta' Klabb Ħuttaf **immorru** ngħaddu nofs ta' **nhar fuq dik in-**nitfa ta' gżira **mixħuta** xxamplata, **kennija u** donnha l-**fessuda bejn** Malta u **Għawdex.** Kemmuna hija **santwarju ta' l-**għasafar, jiġifieri **fuqha ma ssirx** kaċċa. Kultant **ikun hemm xi** kaċċatur, imma **mhux il-gzuz li** jqażżu l-**kampanja ta'** Malta u ta' **Għawdex. Fuq** Kemmuna **għasfur għandu** ċans jinżel, **jistrieħ u forsi** jkompli l-passa. **U aħna sejrin** s'hemm, **naturalment fl-**aqwa tal-passa, **biex naraw** narawx xi ħaġa **mhux tas-soltu.** Peress li ħafna **membri** jħobbuha din l-**attività, bħas-**soltu se nagħmlu **żewġ ħarġiet...**

- Nagħtu **aktar dettalji** lil dawk li jibbukkjaw.
- Importanti li **tibbukkjaw bit-telefon** (230684 ew 250229) mhux aktar tard mill-25 ta' April. Aħsbu kmieni, ftakru li l-lanċa tieħu numru limitat.
- Jekk tibbukkjaw kmieni, tkunu **tistgħu tagħżlu** l-iktar data komda għalikom. Jekk tħallu għall-aħħar, ikollkom tidħlu fejn ikun baqa' post.
- **Tibagħtux flus** - ħallsu dakinhar tal-ħarġa stess.
- Membri ta' taħt it-8 snin **irid jiġi** xi ħadd kbir (+14 yrs) magħhom.



*Żumbrell*

**Ġibu magħkom**
- **tromba** jekk għandkom
- **field guide** jekk għandkom
- **kamera** jekk tridu
- **nowtbuk u lapes**
- **x'tieklu** u **x'tixorbu**
- xi **beritta** għal raskom
- **basket tad-dahar**



**Iġġibux magħkom**
- **radjijiet**
- **blalen**

## Għall-Ħuttaf Żebbuġin u Siġġiwin

Għall-**Grupp Lokali Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi** se ssir ħarġa għal Kemmuna separata nhar is-**Sibt 26 April.** Dawn se jkollhom **prajvit** li tiġborhom
- fis-**6.45am** minn ħdejn il-posta ta' Ħaż-Żebbuġ jew
- fis-**6.55am** minn ħdejn iz-zuntier tal-knisja tas-Siġġiewi.
- Jitilqu mill-Marfa fis-7.30am.

Dawk interessati għandhom **jibbukkjaw** bit-telefon (230684 /250229) mhux wara l-24 ta' April.
Prezz: **Żgħar - Lm1, Kbar - Lm1.50. Trasport (min irid): 50ċ**



## Nota lill-ġenituri

Kif tafu, aħna nieħdu gost ħafna meta intom il-ġenituri tieħdu interess u tattendu l-attivitajiet flimkien ma' uliedkom. Imma għal din l-attività ta' Kemmuna nappellawlkom biex jekk jista' jkun ma jiġix iktar minn ġenitur wieħed mat-tfal. Ir-raġuni hija li nixtiequ nagħmlu iktar spazju għal aktar membri Ħuttaf. Huwa ta' dwejjaq kbir għalina meta nirrifjutaw membru milli jiġi għall-attivitajiet tagħna, speċjalment waħda eċitanti bħal din ta' Kemmuna. F'każ li naraw li ħa jkun baqa' post, nerġgħu nikkuntattjaw lil min ikun xtaq li jiġu ż-żewġ ġenituri. Grazzi.



## Roost Report







Ritratti Silvio u Agnes Sciciluna

Membri u Leaders tal-**Grupp Lokali Ħ'Attard** waqt **roost count** li kellhom fil-15 ta' Frar fi Triq Ħal Warda ġo Ħ'Attard. F'din it-triq hemm 50 siġra tal-Fikus, mhux kbar wisq, imma li fihom jidħlu jorqdu numru sabiħ ta' Għasafar tal-Bejt.

Il-membri tqassmu fi gruppi. Kull grupp kellu naħa lejn fejn iħares u jgħodd l-għasafar deħlin. Kellhom ukoll worksheets fuq x'hiex iniżżlu n-numri u l-ħin. Bejn l-4.30pm u s-5.45pm għaddejna **2480 Għammiel tal-Bejt**. U Lovebird maħrub!!!

Prosit lil-Leaders li organizzaw din l-attività.

# Nowtbuk tan-Natura

*Desirée Falzon*

## Draguni u Skeletri

Bħalissa kull fejn tħares maċ-ċnut, mal-ħitan, fl-għelieqi u anke fix-xagħri, tara l-Papoċċi. Għaliex jgħidulhom hekk?

Jekk tħares lejn il-fjuri, li jikbru f'bukketti, tara li għandhom forma proprja ta' papoċċ miftuħ. Bl-Ingliż dil-pjanta jgħidulha 'snap-dragon' għax jekk tagħfas il-fjura bil-mod mill-ġnub, tiġi qisha dragun qed jiftaħ ħalqu! Dil-pjanta tħobb l-iktar postijiet b'ħafna ġebel, għalhekk ġieli taraha tikber mas-swar.



F'Malta għandna erba' speċi ta' papoċċi. L-iktar waħda li tispikka hija dik li għandha l-fjuri roża skuri u kbar. Imbagħad għandna waħda endemika, jiġifieri tikber Malta biss. Din diffiċli biex issibha għax rari u ma tantx tispikka.

Minbarra l-forma interessanti tal-fjura, dil-pjanta tagħmel iż-żerriegħa ġo forma stramba wkoll. Jekk tħares qalb il-weraq, maz-zokk fejn qabel kien hemm il-fjuri, issib numru ta' boroż żgħar kannella li minn quddiem qishom ras ta' skeletru. Dawn huma l-qratas li minnhom toħroġ iż-żerriegħa, li tkun qisha bżar irqiq.



**Issa żmien il-passa, u żmien il-kaċċa. Għalhekk bħalissa jkun hawn ħafna għasafar feruti li xi drabi jsibuhom nies, bħalkom, li jixtiqulhom il-ġid. Jekk issibu għasfur ferut, tippruvawx iddewwuh intom stess, u attenti jekk għandhom munqar twil jew dwiefer ippuntati, għax jistgħu jweġġgħukom. Żommu l-għasfur fil-kwiet, fid-dlam u titimgħuhx. Ċemplu 233321 u staqsu għal Max Farrugia.**



# Baħħara tal-Galàpagos

**Tajr tal-baħar tal-Gżejjer Galàpagos. F'din il-ħarġa...**

6



Tpinġija David Aloisio

## It-Tropik

Kemm il-geddum aħmar kif ukoll id-denb twil u abjad jagħmlu lil dan l-għasfur speċjali. It-**Tropik** ibejjet f'kolonji ma' l-irdum skur tal-Galàpagos. Wara vjaġġ li jitlaq mix-xtut ta' l-Amerka t'Isfel u l-Amerka Ċentrali, it-Tropiks jaslu fil-Gżejjer Galàpagos biex ibejtu.

Peress li t-Tropik għandu saqajh żgħar u qegħdin lura sew fuq ġismu, huwa ma jistax jimxi jew jieqaf fuq saqajh. Fil-ftit okkażżjonijiet meta jkollu bilfors jiċċaqlaq fl-irdumijiet, biex jimxi jitfa' l-piż tiegħu fuq sidru u jimbotta bis-saqajn żgħar tiegħu. Biex jibda titjira minn fuq dawn l-irdumijiet, isibha faċli - kemm jagħti spinta u jintelaq għal isfel.

It-tisfira għolja tat-Tropik kienet tfakkar lill-baħħara bikrin fit-tisfira tal-"bosun" (boatswain), li kien ikun dak inkarigat biex isejjaħ lill-ekwipaġġ tax-xwieni għal fuq xogħolhom. Għalhekk dan l-għasfur kienu jsibuh bħala l-"bosunbird".

L-isem xjentifiku, mill-banda l-oħra, ġej minn Phaeton, li skond il-mitoloġija Griega kien it-tifel ta' Apollo li waqa' mis-sema għal ġol-baħar. Dan jirreferi għall-mod kif it-Tropik jintelaq qisu ġebla mill-għoli ta' l-irdumijiet, b'mod li taħsbu waqa' għal isfel.

**Tropik** - *Phaeton aethereus* - Red-billed Tropicbird

**David Aloisio**

## Faddlulna t-telecards

Kif tafu, hawn min ifaddal it-telecards. Għalhekk bħalma qed nagħmlu diġà bil-bolli, se nibdew inbigħu t-telecards użati. Mela ibdew faddlulna t-telecards użati li tiddubbaw, u ibagħtuhomlna fl-indirizz ta' Klabb Ħuttaf. **Għal kull 10 telecards li tibagħtulna nibagħtulkom kartolina tan-natura.**

T E L E C A R D S

## Fejn huwa n-Nature Shop?




O = BirdLife Nature Shop

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 9am-12noon

BirdLife MALTA



## GRUPPI LOKALI

(K=Ko-ordinatur)

ĦATTARD
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
NAXXAR
Leaders: Jason Aloisio (K), Anita Aloisio, Fleur Casha, Mark Falzon (K), Justin Vassallo.
RABAT/DINGLI
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Angéle Pulis, Chris Pulis.
Ħaż-ŻEBBUĠ/SIĠĠIEWI
Leaders: Marthese Attard (K), Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

## APPELL lill-ĠENITURI

Kif taraw għadna kemm għaqqadna Grupp Lokali ġdid għal-Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi. Dan sar bis-saħħa ta' 3 leaders li laqgħu l-isfida...
Hija l-ħolma tal-Klabb li jkollna Gruppi Lokali f'inħawi kollha ta' Malta u Għawdex. Imma biex dan isir irid ikollna iktar u iktar volontiera! Min iħoss li jista' jgħin iċempel lil Desirée (436335) jew lil Audrey (454548). Nistennew bil-ħerqa xi telefonata!

# Daħħal membri fi Klabb Ħuttaf

## ... u għalik SETT KARTOLINI TAL-ĠENN

Ħajjar lil sħabek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, imlilhom id-dettalji hawn taħt, żid tiegħek ukoll, u ibagħtilna kopja/i tal-formola (tqasqasx il-magażin) flimkien ma' **Lm1.50** miżata għal kull membru li ddaħħal. Kif jaslulna nibagħtulek il-KARTOLINI.

- **Jekk iddaħħal membru WIEĦED tieħu ŻEWĠ kartolini.**
- **Jekk iddaħħal ŻEWĠ membri tieħu ERBA' kartolini.**
- **Jekk iddaħħal TLIET membri tieħu s-sett sħiħ ta' SEBA' kartolini.**

**Dettalji tal-MEMBRU ĠDID 1**

Isem

Indirizz

PostCode

Tel Data tat-Twelid

**Dettalji tal-MEMBRU ĠDID 2**

Isem

Indirizz

PostCode

Tel Data tat-Twelid



Waħda mill-kartolini - **Gorilla!**

**Dettalji tal-MEMBRU ĠDID 3**

Isem

Indirizz

PostCode

Tel Data tat-Twelid

**Dettalji TIEGĦEK STESS**

Ismek

Indirizz

Tel

Ibgħat kollox lil **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR01**. Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk, Postal Order jew bolli tas-6ċ.








Martin Meury

**Kaċċatur jistenna jidħol xi għasfur għajjien ... biex joqtlu!**



# BOLLI GĦALL-BALLUT!



*Għandna munzell bolli sewwa*
*Kollha lesti u mqassmin.*
*Hemm ruxxmata minn ta' Malta*
*U hemm partita barranin.*

*Qed jinbigħu mill-Għadira*
*U ftit ftit il-flus deħlin.*
*S'issa qbiżna nofs il-mira*
*U resqin lejn il-ħamsin.*

*Grazzi kbira 'l-membri kollha*
*Li qed jieħdu sehem bis-sħiħ*
*F'dil-kampanja għall-Foresta.*
*Ta' dan kollu ħaqqhom ġieħ.*

**S'issa daħħalna Lm26 minn bejgħ ta' bolli**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |

## Għal min għadu ma jafx...

- Faddlu bolli wżati ta' Malta jew ta' barra
- Poġġuhom fl-ilma biex tinqala' l-karta ta' l-envilop
- Ħalluhom jinxfu
- Qegħduhom f'envilop, daħħlu magħhom karta b'isimkom u l-indirizz tagħkom, agħlqu l-envilop, agħmlulu bolla tas-6ċ u ibagħtuh lil:
  **Bolli għall-Ballut**
  **Klabb Ħuttaf - BirdLife Malta**
  **POBox498**
  **Valletta CMR 01**
- Għal kull mija li tibagħtu, nibagħtukom kartolina differenti tan-natura.
- Dawn il-bolli nbigħuhom u jekk ngħaqqdu Lm50 nonfquhom qsari biex fihom jitkabbru siġar tal-Ballut għall-Foresta 2000.

**Jekk intom stess** għandkom album u tħobbu tfaddlu l-bolli **tistgħu tixtru** minn għandna stess. Ibagħtu **5 bolli mhux użati tas-6ċ** lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz ta' hawn fuq. Tinsewx tgħidulna min intom u fejn toqogħdu, u jekk triduhomx bolli ta' Malta jew ta' barra. Imbagħad aħna nibagħtulkom **sett ta' ħamsin bolla differenti.**



## *Grazzi!*

*Grazzi lil dawn il-Ħuttaf li sa l-aħħar ta' Marzu 1997 ħadu sehem fil-Kampanja* ***Bolli għall-Ballut***

Ernest Azzopardi • Glorianne Bezzina • Charlene Bonnici • Reuben Bonnici • Adrian Borg • Chris Borg • Karmenu Briffa (SSCN) • Christian Brincat • Alistair Bugeja • Mark Camilleri • Mark P Camilleri • Nadine Camilleri • Rachel Caruana • Victor Caruana • AnnMarie Cefai • Mandy Cortis • Adriana Debono • Manuel Degabriele • Daniela Deguara • Maria Deguara • Julian Falzon • Alex Farrugia • Audrienne Fenech • Christine Galea • Darren Jones • Karen Livori • Natasha Livori • Ruth Mamo • Eman Montebello • Irene Montebello • Anita Muscat • Stefan Muscat • John J Pace • Thomas Pace • Geraldine Powell • Gabriel Sammut • Chris Scalpello • Allister Spiteri • Clive Spiteri • Omar Spiteri • Michael Tufigno • Julian Vella • Justin Vella • Maureen Xuereb • Mariana Zammit •